**Domandi preliminari**

1) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol ([1]), dwar il-garanzija ta' proċeduri ġudizzjarji "disponibbli għal-persuni kollha li jikkunsidraw ruħhom trattati ħażin minħabba nuqqas ta' applikazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza fit-trattament", kif ukoll id-dispożizzjonijiet [tal-ewwel paragrafu] tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, dwar il-garanzija tad-dritt għal "rimedju effettiv u għal proċess imparzjali", għandhom jiġu interpretati bħala li jipprekludu regola f'leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik fl-Artikolu 211(c) tal-Legea dialogului social nr. 62/2011 (il-Liġi dwar id-Djalogu Soċjali Nru 62/2011), li tipprovdi li l-perijodu ta' tliet snin għat-tressiq ta' talba għal rimedju jibda jiddekorri "mid-data li fiha seħħ id-dannu", irrispettivament minn jekk ir-rikorrenti kellhomx għarfien jew le li seħħ id-dannu (u l-portata tiegħu)?

2) Id-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 2(1) u (2) u fl-aħħar tal-Artikolu 3(1)(ċ) tad-Direttiva 2000/78 għandhom jiġu interpretati bħala li jipprekludu regola f'leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik fl-Artikolu 1(2) tal-Legea-cadru nr. 330, din 5 noiembrie 2009, privind salarizarea unitară a personalului plătit din fonduri publice (il-Liġi-Qafas Nru 330 tal-5 ta' Novembru 2009 dwar ir-Remunerazzjoni Uniformi tal-Persunal Imħallas minn Fondi Pubbliċi), kif interpretat fis-sentenza Nru 7/2019 (ippubblikata fil-*Monitorul Oficial al României* (il-Ġurnal Uffiċjali tar-Rumanija) Nru 343 tas-6 ta' Mejju 2019) mogħtija mill-Înalta Curte de Casație și Justiție (il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, ir-Rumanija) f'rikors fl-interess tal-liġi, peress li r-rikorrenti ma kellhomx l-opportunità legali li jitolbu żieda fl-allowance tal-impjieg tagħhom fil-mument tad-dħul tagħhom fil-ġudikatura, li seħħet wara d-dħul fis-seħħ tal-Liġi-Qafas Nru 330 tal-2009, att leġiżlattiv li espressament jipprovdi li d-drittijiet għas-salarju huma u jibqgħu esklużivament dawk ipprovduti minn [din] il-liġi, li jfisser li hemm diskriminazzjoni fir-remunerazzjoni meta mqabbla mal-kollegi tagħhom, inkluż fuq il-bażi tal-kriterju tal-età peress li l-membri tal-ġudikatura anzjani biss, li ġew maħtura qabel Jannar 2010 (li kisbu sentenzi favurihom matul il-perijodu bejn l-2006 u l-2009 li d-dispożizzjonijiet tagħhom ġew iċċarati fl-2019 fuq il-bażi tad-deċiżjoni tal-Înalta Curte de Casație și Justiție (il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja) Nru 7/2019), ibbenefikaw mill-ħlas retroattiv tad-drittijiet tagħhom (simili għal dawk mitluba fir-rikors li huwa s-suġġett ta' din il-kawża), f'Diċembru 2019/Jannar 2020, għall-perijodu mill-2010 sal-2015, anki jekk, matul dan il-perijodu, ir-rikorrenti eżerċitaw il-funzjonijiet ta' membru tal-ġudikatura u wettqu l-istess xogħol, taħt l-istess kundizzjonijiet u fl-istess istituzzjoni?

3) Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/78 għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu d-diskriminazzjoni biss meta tkun ibbażata fuq wieħed mill-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 1 ta' din id-direttiva jew, għall-kuntarju, dawn id-dispożizzjonijiet, possibbilment issupplimentati b'dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni, ġeneralment jipprekludu li impjegat jiġi ttrattat b'mod differenti minn ieħor f'termini ta' remunerazzjoni, meta jwettaq l-istess xogħol għall-istess persuna li timpjega, matul l-istess perijodu u taħt l-istess kundizzjonijiet?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesarbeitsgericht (il-Ġermanja) fit-8 ta' Novembru 2021 – ZQ vs Medizinischer Dienst der Krankenversicherung Nordrhein, Körperschaft des öffentlichen Rechts**

**(Kawża C-667/21)**

(2022/C 95/18)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesarbeitsgericht

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* ZQ

*Konvenut:* Medizinischer Dienst der Krankenversicherung Nordrhein, Körperschaft des öffentlichen Rechts

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 9(2)(h) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) ([1]) għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprojbixxi lis-servizz mediku ta' assigurazzjoni għall-mard milli jipproċessa d-data relatata mas-saħħa ta' wieħed mill-impjegati tiegħu li fuqha tiddependi l-evalwazzjoni tal-kapaċità għax-xogħol ta' dan l-impjegat?

2) Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda, b'tali mod li jista' jitqies li hemm deroga mill-projbizzjoni tal-ipproċessar li jikkonċerna d-data relatata mas-saħħa stabbilita fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament 2016/679, b'applikazzjoni tal-Artikolu 9(2)(h) tar-Regolament 2016/679, f'każ bħal dak ineżami, apparti l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament 2016/679, hemm rekwiżiti oħra dwar il-protezzjoni tad-data li għandhom jiġu osservati u, jekk inhu hekk, liema huma dawn ir-rekwiżiti?

3) Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda, b'tali mod li jista' jitqies li hemm deroga mill-projbizzjoni tal-ipproċessar li jikkonċerna d-data relatata mas-saħħa stabbilita fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament 2016/679, b'applikazzjoni tal-Artikolu 9(2)(h) tar-Regolament 2016/679, f'każ bħal dak ineżami, il-legalità tal-ipproċessar tad-data relatata mas-saħħa tiddependi wkoll mill-osservanza ta' minn tal-inqas waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament 2016/679?

4) L-Artikolu 82(1) tar-Regolament 2016/679 għandu natura ta' prevenzjoni speċjali jew ġenerali u għandu jittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-evalwazzjoni tad-dannu morali li jista' jiġi kkumpensat u li għandu jiġi kkumpensat, abbażi ta' din id-dispożizzjoni, mill-kontrollur responsabbli għall-ipproċessar jew mill-proċessur?

5) Il-livell ta' gravità tan-nuqqas tal-kontrollur responsabbli għall-ipproċessar jew tal-proċessur huwa rilevanti fil-kuntest tal-evalwazzjoni tad-dannu morali li jista' jiġi kkumpensat abbażi tal-Artikolu 82(1) tar-Regolament 2016/679? B'mod iktar partikolari, assenza ta' nuqqas jew nuqqas żgħir min-naħa tal-kontrollur responsabbli għall-ipproċessar jew tal-proċessur jistgħu jiġu invokati favur tagħhom?

---

([1]) ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2.

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgericht Cottbus (il-Ġermanja) fid-29 ta' Novembru 2021 – Stadt Frankfurt (Oder) u FWA Frankfurter Wasser- und Abwassergesellschaft mbH vs Landesamt für Bergbau, Geologie und Rohstoffe

**(Kawża C-723/21)**

(2022/C 95/19)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Verwaltungsgericht Cottbus

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Stadt Frankfurt (Oder), FWA Frankfurter Wasser- und Abwassergesellschaft mbH

*Konvenut:* Landesamt für Bergbau, Geologie und Rohstoffe

### Domandi preliminari

1) a) L-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika ta' l-ilma ([1]), għandu jiġi interpretat fis-sens li l-membri kollha tal-pubbliku direttament affettwati minn proġett huma intitolati jirrapportaw ksur tal-obbligu li

i) jiġi evitat deterjorament fil-kwalità tal-korpi tal-ilma użati għall-estrazzjoni tal-ilma tax-xorb,

ii) jitnaqqas it-trattament meħtieġ għall-produzzjoni tal-ilma tax-xorb,

billi jippreżentaw rikors fil-qorti għal ksur tal-obbligu għall-infurzar tal-projbizzjoni ta' deterjorazzjoni relatata mal-ilma ta' taħt l-art, abbażi tal-protezzjoni ta' terz (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' Mejju 2020, Land Nordrhein-Westfalen ([2]), punti 132 *et seq.*, kif ukoll is-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2019, Wasserleitungsverband Nördliches Burgenland *et* ([3]), punti 40 u 42)?